ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 16 IT-TNEJN 13 TA' ĠUNJU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (GĦAXAR Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-7.08pm), Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia (attenda fis-6.45pm), Bjorn Azzopardi (attenda fis-6.50pm), Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Antoine Saliba Haig, u Marvin Zammit. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kellu impenji ta' studju.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**16/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 15**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 15 li nżammet nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 15 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**16/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**16/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ipproponiet sabiex Jum Ħal Qormi 2017 tinżamm fi Triq il-Vitorja, quddiem il-Knisja tal-Vitorja. Barraminnhekk hija ssuġġeriet li peress l-ebda għaqda ma wriet interess li torganizza din l-attivita' għas-sena 2017, qed tipproponi li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet miftuħa għall-għaqdiet iżda iż-żewġ għaqdiet li organizzawha fis-snin 2015, 2016 huma esklużi. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**16/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet disinn ta' monument li jfakkar l-għannej mibki Ċikku Degiorgio sabiex il-Kunsill jagħti l-permess li dan il-monument li se jsir mill-ħbieb u familjari ta' dan l-għannej, jkun fi Ġnien Federico Maempel. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni ladarba l-ispejjeż sabiex isir il-monument se jsir minnhom, għalkemm il-Kunsill qabel nem.con li l-ispejjeż ta' permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar isiru mill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jitlob disinn aktar dettaljat ta' dan il-mafkar biex jgħaddih lil perit tal-Kunsill. Il-Kunsill għand jitlob ukoll dwar il-possibilita' li l-abbozz jingħata lill-Kunsill.

**16/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li l-Mitħna tar-Riħ li tinsab fi Triq il-Mitħna tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill biex ikun jista' japplika għal xi fondi biex din il-Mitħna, li hija Patrimonju Lokali, tkun tista' tiġi restawrata hemm bżonn li tkun devoluta lill-Kunsill. Għaldaqstant, peress li din ġiet mgħoddija lill-Kumitat Festi Esterni erba' snin ilu, u li m'għandhomx il-fondi biex jirrestawrawha, is-Sindku Rosianne Cutajar issuġġeriet biex ssir laqgħa magħhom ħalli tiġi diskussa l-possibilta' li din il-Mitħna tiġi mgħoddija lill-Kunsill sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal xi fondi għar-restawr tagħha. Il-Kunsill qabel nem.con u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob laqgħa lill-Kumitat Festi Esterni.

**16/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2016
**b)** *Bank Payments* Mejju 2016
**c)** *Petty Cash* Mejju 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Seba' Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**16/03/01** F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda **l-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** li skuża ruħu talli attenda ftit tard iżda kellu impenji oħrajn.

**16/04 MOZZJONIJIET**

**16/04/01 MOZZJONI Nru 36/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni li ġiet iċċirkolata mal-aġenda, għad-diskussjoni:

*Il-Kunsill Lokali għandu jagħmel l-almu tiegħu biex artijiet tal-gvern mhux żviluppati li jinsabu mitluqa jiġu żviluppati għall-interess tal-kommunita.*

*Peress li l-art li hemm wara il-Qormi Sports and Fitness Park ġiet mgħoddija lura lid-Dipartiment tal-Artijiet minn SportMalta;*

*Peress li din l-art hija mitluqa u qed tisfa abbużata minn kull tip ta' abbuż;*

*Peress li l-Kunsill għandu diversi talbiet minn għaqdiet lokali bħal Qormi Scouts Group u Qormi Athletic Club u oħrajn għall-post alternattiv;*

*Nipproponi biex il-Kunsill jagħmel talba għad-devoluzzjoni ta' din l-art.*

.

**Fid-diskussjoni, il-Kunsillier Ralph Puli sostna li fiċ-ċirkustanzi li SportMalta abbanduna l-proġett tal-**

**padiljun, huwa kien qed jissekonda din il-mozzjoni għaliex għallinqas l-Kunsill ma jħallix din l-art abbandunata u f'telqa li ħalliet SportMalta għal dawn l-aħħar snin.**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibda l-proċess mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal din id-devoluzzjoni.**

**16/04/02 MOZZJONI Nru 37/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Robert Cremona** iressaq il-mozzjoni li ġiet iċċirkolata mal-aġenda, għad-diskussjoni:

*Peress li s-sena 2018 timmarka l-275 anniversarju minn meta Ħal Qormi ingħatat t-titlu ta' belt mill-Gran Mastru Pinto;*

*U sabiex dan l-anniversarju jkabbar is-sens ċiviku tar-residenti Qriema, b'aktar għarfien dwar din il-ġrajja tant importanti;*

*Nipproponi li sal-aħħar ta' din is-sena jitwaqqaf Kumitat ad hoc li jkun responsabbli mit-tfassil ta' programm ta' inizjattivi u attivitajiet li jimmarkaw kif jixraq dan l-anniversarju tal-Belt Pinto.*

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni. Il-Kunsillier Robert Cremona u Josef Aquilina se jkunu qed imexxu dan il-Kumitat fejn se jkunu qed jistiednu nies miż-żewġ Parroċċi kif ukoll minn kull qasam ieħor li b'xi mod jistgħu jagħtu kontribut.**

**16/04/03** F'dan l-istadju tal-laqgħa, attenda **l-Kunsillier Bjorn Azzopardi** li skuża ruħu talli attenda ftit tard iżda kellu impenji oħrajn.

**16/05 RAPPORTI**

**16/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI MILL-AWDITUR**

**Is-Sinkdu Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv jsemmi l-punti saljenti ta' din l-ittra ta' Direzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fl-Ittra ta' Direzzjoni ta' din is-sena kien hemm numru żgħir ta' punti li ressaq l-Awditur. L-Awditur semma kif ħafna mill-punti mressqa fl-Ittra ta' Direzzjoni tas-sena ta' qabel ġew indirizzati u ma ġewx ripetuti filwaqt li numru zgħir ieħor baqgħu iseħħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn il-punti li baqgħu iseħħu huma trivjali u li se jkomplu jseħħu għaliex huwa diffiċli ħafna li dawn jiġu indirizzati għaliex mhux dejjem il-Kunsill ikollu kontroll fuqhom. Għal aktar dettalji, s-Segretarju Eżekuttiv irrefera għar-risposta li tinsab mehmuża bħala **Dok "B"**. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jiġbed l-attenzjoni l-kumment pożittiv tal-Awditur dwar il-fatt li l-Kunsill irnexxielu jikkonsolida s-Surplus, kif ukoll tejjeb is-sitwazzjoni ta' likwidita' u irnexxielu jottjeni l-perċentwali ta' 13% tal-Financial Situation Indicator.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex tiġi approvata r-Risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant ir-Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni ġiet ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u għandha tintbagħat lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.**

**DOK 'B'**

**16/05/02 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-KIRI TAL-GABBANA FI ĠNIEN DE LA CRUZ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li għalkemm il-Bord tal-Aġġudikazzjoni iltaqa' dwar din l-offerta, s'issa għad m'hemmx deċiżjoni peress li l-għola żewġ offerti kellhom l-

istess valur u għaldaqstant l-Bord għandu jiltaqa' maż-żewġ offerenti biex ikun f'pożizzjoni aħjar li jiddeċiedi.

**16/05/03 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-MANUTENZJONI U ŻAMMA TAS-SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm offerta waħda biss u wara verifiki li saru tar-rati sottomessi meta mqabbla mal-istess rati sottomessi f'Kunsilli Lokali oħrajn, il-Bord qed jirrakkomanda li l-offerta terġa tinħareġ mill-ġdid peress li dik mitfugħa tmur oltre mill-budget tal-Kunsill.

**DOK "C"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-offerta tiġi rifjutata u terġa tiġi ppubblikata offerta mill-ġdid.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandu joħroġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz mill-ġdid.**

**16/05/04** F'dan l-istadju tal-laqgħa, attenda **l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** li skuża ruħu talli attenda ftit tard iżda kellu impenji oħrajn.

**16/06 KORRISPONDENZA**

**16/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'D 1-4'**

1. Dwar korrispondenza mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan sabiex in-nar jinħaraq minn ħdejn Wied iċ-Ċawsli, u għaldaqstant ikun hemm bżonn li tingħalaq Triq Luqa għal madwar tlett sigħat fil-ġurnata tas-

Sibt, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għandu jinforma lil Transport Malta dwar dan.

2. Dwar korrispondenza minn Scouts Group, il-Kunsill għada kif ressaq mozzjoni f'din is-seduta stess, fejn se jkun qed jitlob devoluzzjoni tal-art wara l-Qormi Sports and Fitness Park, bil-għan li din l-art tkun tista' tintuża minn għaqdiet lokali fosthom l-iScouts stess.

3. Dwar korrispondenza mill-Laboratorju tal-Paċi dwar il-Premju B'Ħilti Wasalt, il-Kunsilliera għandhom iressqu xi nominazzjonijiet li jista' jkollhom lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux aktar tard mis-27 ta' Ġunju.

4. Dwar il-korrispondenza minn sid ta' gabbana li jarma fil-festa ta' San Ġorġ sabiex jersaq minn quddiem il-klabb tal-Boċċi għal aktar il ġewwa. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din it-talba biex jitressqu xi gabbani, iżda ġie deċiż li ma jizdiedux ġabbani oħrajn aktar 'il ġewwa peress li f'dik iż-żona hemm residenzi. Għaldaqstant, il-Kunsill se jżomm l-istess postijiet sakemm ma jkunx hemm xi post vakat li f'dik iċ-ċirkostanza jsir avviż fuq il-gazzetta tal-gvern skont il-proċedura stabbilita.

5. Dwar korrispondenza mill-Kunsillier Renal Falzon sabiex titneħħa il-*build out* li saret fi Triq il-Vitorja bl-iskop li tilqa' l-ilma milli jidħol fix-xelter, peress li din tinsab ta' periklu. Il-Kunsill ma qabilx li din titneħħa li iżda għandhom isiru sinjali aktar viżibbli li turi din il-*build out*.

**16/07 INFORMAZZJONI**

**16/07/01** **Il-Kunsillier Josef Aquilina** irrefera għall-korrispondenza li l-Kunsilliera kienu ikkupjati fiha, mill-Contracts Manager lill-Kuntrattur WM Environmental Ltd, dwar nuqqasijiet fis-servizz ta' tindif. Ġie ssuġġeriet li tinħareġ *default notice*. Il-Kunsill qabel *nem.con*.

**16/07/01** **Il-Kunsillier Josef Aquilina** informa lill-Kunsilliera li fil-25 ta' Lulju fid-9.30am se tkun qed tiġi organizzat żjara lill-President ta' Malta, sabiex min hu interessat li jattendi għandu jinforma lill-Kunsill.

**16/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:35 ta' filgħaxija.

| **Iffirmati** | **iffirmati** |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum **it-Tnejn, 4 ta' Lulju** 2016.